**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 42 - IT-TLIETA, 28 TA' FRAR 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier (wasal fis-7:45pm) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Kien hemm madwar ħamsin (50) persuna preżenti sal-parti li l-Kunsill iddiskuta l-Magħtab.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa ta' qabel li kienu meqjusa moqrija. Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tagħhom filwaqt li l-Viċi Sindku Sciberras u l-Kunsillieri Muscat Fenech Adami u Sammut issekondaw.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

1.3. Il-Kunsillier Sammut staqsa dwar il-*flyer* li kellu jirreklama l-isports u attivitajiet oħra. Is-SE informa li fil-preżent kienu għaddejin mill-proċess ta' verifika u, fid-dawl ta' nuqqas ta' impjegati kienu waqgħu lura fix-xogħol amministrattiv.

1.4. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi fl-istħarriġ li kien qiegħed jagħmel il-Kunsillier Sammut dwar it-tqassim tal-Kuntatt. Il-Kunsillier Sammut informa li meta beda jistaqsi lir-residenti ħafna minnhom bdew jinsew jekk irċevewhx jew le u għalhekk ma setax jiddetermina jekk tqassmulhomx. Huwa fakkar li kien ippropona lill-Kunsill biex il-Kuntatt jitqassam separatament minn materjal ieħor ħalli r-residenti ma jaslilhomx ma' ħafna materjal ta' reklamar li normalment jarmu.

1.5. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar para. numru 8 fuq il-minuti, dwar il-*hawker* ħdejn l-iskejjel, u dwar min ressaq ir-rapport. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami semmiet li kien hemm ilmenti min-naħa tal-iskola Giovanni Curmi u anki min-naħa tagħha

stess minħabba li dan qed itellef lis-settur kummerċjali kif ukoll minħabba l-ammont ta' ħmieġ li jħalli. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami appellat lill-Kunsill biex jipprova jsib post speċifikament għal dawn it-tip ta' *hawkers* u mhux joqgħodu fejn iridu huma b'detriment għal-ħwienet. F'dan il-ħin is-Sindku talbet li ma terġax tinfetaħ id-diskussjoni. Is-SE informa li min-naħa ta' TM infurmaw li m'hemmx *policy* li tipprojbixxi *hawkers* milli jarmaw f'xi triq partikulari u għalhekk ma seta' jsir xejn.

1.6. Is-SE informa li, dwar il-proġett tal-Mitħna minn fondi tal-EU li xtaqu japplikaw għalih Action Base, bil-Kunsill ikun sieħeb, ma kinitx saret l-applikazzjoni minħabba li Action Base ma laħqux għamlu x-xogħol neċessarju ta' ġbir ta' stimi, rapporti eċċ.

1.7. Il-Kunsillier Galea talab biex possibilment is-suġġett f'para. 7.2 ikun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

1.8. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar jekk kienx hemm risposta mid-Dipartiment (para 3.7). Is-SE wieġeb fin-negattiv.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET/KORRISPONDENZA

2.1. Is-SE informa li kienet waslet ittra mingħand B'Kara St Joseph Sports Club (BSJSC) bid-data tat-3 ta' Frar fejn kienu qed jitolbu li *site office* li hemm fl-ispazju rikreattiv fis-Salina, u li issa ma kienx għad fadal użu tiegħu, jitħalla fil-post biex jagħmlu użu minnu huma wara li waslu f'arranġament għal dan mas-sidien ta' dan is-*site office*. Il-Kunsill qabel li jitħalla fejn hu bil-kundizzjoni li, kemm-il darba l-Kunsill jiġi bżonn l-art, ikollu jitneħħa. Il-BSJSC kienu wkoll qed jikkommettu li jkunu jistgħu iħalluh għad-dispożizzjoni tal-Kunsill jekk u meta jiġi bżonnu.

2.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Brincat.

2.3. Is-SE ippreżenta stedina minn TCTC biex il-Kunsill jipparteċipa fil-programm iKids għall-prezz ta' €1100. Fuq proposta tal-Kunsillier Miceli l-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' TCTC qabel ma jieħu deċiżjoni.

2.4. Sadanittant il-Kunsilliera Miceli talbet li jkollha l-ġranet u l-ħinijiet meta jkun hemm il-korsijiet ħalli tkun tista' ssegwi kif qed jingħataw il-lezzjonijiet.

## 3. ĦLASIJIET TA' KONTIJIET U RENDIKONTI FINANZJARJI

3.1. Il-lista ta' pagamenti kienet approvata kif annessa f'A. Il-Kunsillier Brincat sostna, li filwaqt li mhux qed joġġezzjona għal-lista ta' pagamenti, jibqa' jżomm mal-punt imressaq qabel dwar kontijiet relatati mal-attività tal-Milied u li, qabel ma jkun hemm konferma mid-Dipartiment li kollox jinsab regolari, jibqa' jgħid li għandhom jinżammu. Tal-istess fehma kienu wkoll il-Kunsillieri Galea, Gatt u Miceli.

3.2. Il-Kunsill approva wkoll il-lista' ta' dħul għax-xahar ta' Jannar 2012. Din hija annessa f'B.

3.3. Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Jannar 2012 li kopja tagħha hija annessa f'Ċ.

## 4. IRRANĠAR TA' TOROQ FIL-MAGĦTAB

4.1. Il-Kunsillier Sammut ressaq proposta lill-Kunsill biex ikun ivvutat fond għall-ammont ta' €25,000 fis-sena ħalli jiġu rranġati toroq fil-Magħtab. Huwa semma r-rapport li kien ħejja tas-sitwazzjoni tal-Magħtab u rrimarka li dan ma kienx ġie anness mal-minuti. Għalhekk kien hemm qbil li għandu jkun inkluż bħala parti mill-minuti (D).

4.2. Is-Sur Sammut kompla li, kaġun tas-sitwazzjoni tat-toroq tal-Magħtab, qed issir ħsara kbira lill-karozzi u anki jkollu rapporti ta' residenti li jweġġgħu.

4.3. Tkellem il-Kunsillier Galea fejn qal li, f'laqgħa ma' Wasteserv, kien infurmat li ma kellhomx idea tar-rapport filwaqt li qalu wkoll li huma qatt ma kienu wegħdu lill-Kunsill li se jidħlu għall-ispiża ta' xogħlijiet ta' toroq. Skont il-Kunsillier Galea, f'din il-laqgħa Wasteserv kienu appellaw lill-Kunsill biex jagħmel pressjoni fuq l-Enemalta minħabba li ammont ta' fondi għandhom jiġu bħala parti minn proġett kbir tal-*Interconnector*.

4.4. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ilu sa mill-2008 jew qabel jiddiskuti ma' Wasteserv biex jagħmel xogħol fil-Magħtab, fejn anki għamlet riferenza għal laqgħa partikulari u li minuti tal-istess laqgħa kienu ġew ippreparati mill-iskrivan tal-Kunsill Roderick Debono. Hija dejjem insistiet li l-Kunsill kellu jkun ikkumpensat għall-ħsarat fit-toroq tal-Magħtab minħabba l-ammont ta' trakkijiet li jgħaddu. Hija kompliet li, b'riżultat ta' dawn il-laqgħat Wasteserv bdiet tieħu ħsieb it-tindif u għamlu xogħol ieħor, inkluż xogħol li jsolvi problema tal-ilmijiet fiż-żona magħrufa tal-Pilastri. Hija saħansitra qrat paragrafu 4 mill-imsemmija minuti biex tikkonferma dak li kienet qed tgħid.

4.5. Is-Sindku kompliet li hija kienet attendiet ukoll laqgħa fil-post, fuq it-toroq fil-Magħtab, ma' uffiċjal ta' Wasteserv u anki mal-Kunsillier Sammut, fejn iddiskutew ix-xogħol li qed jippjanaw fuq it-toroq u wegħdu li se jħejju l-BOQ's iżda minn dak iż-żmien il-Kunsill baqa' ma kienx infurmat aktar x'sar.

4.6. Is-Sindku infurmat ukoll li hija kienet talbet laqgħa mal-Ministeru konċernat u Wasteserv dwar dan ix-xogħol meħtieġ. Hija kkompliet li, b'riżultat, kienet waslet risposta mingħand il-Perit Robert Grech ta' Wasteserv fejn informa li, għalkemm fil-passat ġew indikati toroq u sarulhom stimi, wara deher li dawn ikunu stimi superfiċjali wisq u, fid-dawl li żviluppa l-proġett tal-*Interconnector* tal-Enemalta, għandha ssir kordinazzjoni biex ix-xogħol ikun ippjanat aħjar u li jieħu inkonsiderazzjoni x-xogħlijiet ta' entitajiet oħra.

4.7. Is-Sindku infurmat li waslet risposta wkoll mingħand is-Segretarju Privat tal-Ministru, s-Sur Paul Radmilli, li tgħid li qed jitfassal pjan sabiex jaraw liema xogħlijiet jistgħu jsiru fiż-żona tal-Magħtab. Meta jitlesta dan il-pjan se jiġi ppreżentat lill-Kunsill bħala konsultazzjoni qabel ma effettivament jibda x-xogħol ippjanat.

4.8. Is-Sindku kompliet li b'din l-informazzjoni kollha kollox kien jindika li x-xogħol se jieħu ħsiebu l-Gvern Ċentrali permezz ta' Wasteserv u għalhekk kien f'waqtu li l-Kunsill, meta kien ħejja l-lista ta' prijoritajiet, ma setax jinkludi t-toroq tal-Magħtab fuq quddiem tal-lista. Għalhekk ma kienx f'waqtu li l-Kunsill jalloka flus meta flus għal xogħol fil-Magħtab kienu ppjanati mill-Gvern Ċentrali.

4.9. Il-Kunsillier Brincat irrimarka li fl-2009, wara kummenti li dehru fuq il-media, kien sar xogħol ta' toroq fil-Magħtab u għalhekk kien jemmen li biex il-Kunsill jaċċerta li jittieħdu passi kellu jmur fil-media.

4.10. Il-Kunsillier Sammut saħaq li jifhem li t-trakkijiet li jgħaddu milnn Triq ir-Ramla qed jagħmlu l-ħsara u li l-Kunsill jippretendi li jkun ikkumpensat iżda ma setax jifhem kif il-Kunsill jistenna kumpens għal toroq li ma jgħaddux trakkijiet lejn il-*landfill* minnhom.

4.11. Il-Kunsillier Cuomo talbet li sadanittant, sakemm isir ix-xogħol, għandu jsir xi ħaġa biex tissewwa l-ħsara.

4.12. Il-Kunsillier Miceli issuġeriet li l-Kunsill jiġbor informazzjoni ta' x'nefaq il-Kunsill fuq xogħol fil-Magħtab ħalli jkun jista' jinforma lir-residenti.

4.13. Il-Kunsillier Sammut informa li l-MRRA kien għamel ammont ta' xogħol li jinvolvi madwar 1,400m ta' ħitan tas-sejjiegħ, tiswija ta' toroq, bankini u anki soluzzjoni għall-għargħar.

4.14. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li kienet semhet avukat jitkellem fejn insista li, fejn ikun hemm toroq imkissrin, il-Kunsill kellu jagħmel sinjali li jindikaw li hemm il-ħofor biex titnaqqas ir-responsabbiltà minn fuq il-Kunsill.

4.15. Il-Kunsillier Brincat irrakkomanda li l-Kunsill għandu jistenna ġimgħa u jekk ma jkollux risposta għandu jorganizza konferenza stampa.

4.16. Il-Kunsillier Miceli issuġeriet li ssir lista ta' prijoritajiet għal xogħol ta' toroq.

4.17. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li l-Kunsill għandu jipprepara stimi għat-toroq. Is-SE appella biex il-Kunsill ma 'jaħlix' riżorsi meta jaf li l-fondi huma limitati għaliex biex jinġiebu stimi jirrikjedu ammont sostanzjali ta' xogħol. Barra minn hekk, jekk ikollhom isiru stimi, il-Kunsill kellu jindika liema toroq u l-estent tagħhom.

4.18. Is-SE hawnhekk informa li l-Kumitat Amministrattiv ta' BIC kien qiegħed jappella lill-Kunsill formalment, permezz tal-minuti, biex tkun irranġata Triq Santa Klara.

4.19. Is-SE fakkar ukoll li kien issottometta f'isem il-Kunsill applikazzjoni lill-Majjistral Action Group Foundation biex b'fondi tal-UE ikunu rranġati xi toroq fil-Magħtab. Għalkemm kien inkluda bażikament it-toroq kollha, l-informazzjoni li kellu kienet li l-ammont ta' fondi li jallokaw għal kull lokalità jkun ta' €20,000.

4.20. Kien propost li l-Kunsill għandu jagħti mhux aktar minn ħmistax żmien biex jara x'passi se jieħu iżda eventwalment, fid-dawl tad-deċiżjoni li ħa wara, il-Kunsill qabel li ma kienx każ li jagħti żmien iżda jiddiskuti fil-laqgħat li jmiss skont kif jiżvolġi l-każ.

4.21. Wara li kompliet id-diskussjoni kien hemm qbil unanimu li fil-laqgħat dwar il-Magħtab għandu jinvolvi lis-Sur John Portelli mill-Assoċjazzjoni tal-Magħtab. Kien hemm qbil ukoll li l-Assoċjazzjoni tal-Magħtab għandha tħejji lista ta' prijoritajiet skont l-ordni li jkunu jixtiequ li jirranġaw it-toroq meta jkun hemm il-fondi disponibbli. B'dan il-mod ikun aktar faċli li jinħadmu stimi skont il-prijoritajiet. Sadanittant il-Kunsill qabel li għandu jipprova jikkommetti fond għal dan ix-xogħol iżda dan wara li jkun sar il-baġit.

4.22. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkommetti fond ta' madwar €10,000 biex immedjatament jibda xogħol ta' traqqiegħ fit-toroq tal-Magħtab li jrid isir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

## 5. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA

5.1. Il-Kunsillier Galea ippropona li tkun sospiża l-aġenda biex resident mis-Salina, is-Sur Malcolm Farrugia, li kien preżenti, jkun jista' jitkellem mal-Kunsill. Il-Kunsill laqa' t-talba.

5.2. Is-Sur Farrugia rringrazzja lill-Kunsill għall-miżuri tat-traffiku fis-Salina u qal li qed taħdem tajjeb ħafna għalkemm kien meħtieġ ftit irfinar fi Triq Francisco Ximenes. Huwa informa wkoll li d-dgħajsa abbandunata issa tneħħiet wara li saret Mistoqsija Parlamentari.

## 6. RAPPORT DWAR APPELL MAL-MEPA DWAR L-ISPLASH AND FUN

6.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet attendiet seduta ta' appell fil-MEPA mal-Kunsilliera Cuomo. Filwaqt li r-residenti kienu qed jilmentaw mill-istorbju u fuq tinda li hemm, is-sidien kienu qed jgħidu li għandhom Masterplan biex jinkorporaw ideat ġodda u talbu lill-MEPA aktar żmien biex jilħaq ikollhom xi *feedback*. Il-Bord ma laqax it-talba u talab lill-MEPA biex tgħid il-pożizzjoni tagħha fi żmien ħmistax il-ġurnata. Is-seduta imbagħad ġiet diferita għas-27 ta' Settembru 2012.

## 7. FESTIVAL TA' FJURI U MUŻIKA

7.1. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami għaddiet numru ta' proposti dwar il-Festival ta' Fjuri u Mużika li kien hemm il-ħsieb li jsir fid-29 ta' April u li kienu qed jaħdmu fuqha hi u l-Kunsillier Galea. Dawn il-proposti kienu jinkludu li nistiednu l-parteċipazzjoni ta' ċentri tal-ġonna biex bil-prodott tagħhom, filwaqt li jkunu qed ibiegħu, ikunu wkoll qed iżejnu ż-żona. Dawn kellhom jintalbu ħlas ta' €25 għall-parteċipazzjoni. Dawn ikunu mħeġġa biex jipprovdu kelliema dwar is-siġar u pjanti biex joħolqu aktar interess. Proposti oħra kienu dawn li ġejjin:

7.2. Is-Sur Charles Saliba jkun mistieden biex ikun *compere.*

7.3. Kien suġġerit li l-każini jkunu involuti kemm jista' jkun u l-każini tal-baned ikunu mħeġġa wkoll ibiegħu pjanti fuq barra fil-Pjazza filwaqt li l-Kunsill jivvota €300 kull banda jekk joffru s-servizzi tagħhom.

7.4. Ikun hemm stand ta' 34U biex inħeġġu aktar nies jipparteċipaw f'din l-iskema.

7.5. L-Iskola Primarja tkun imħeġġa tinvolvi lill-istudenti biex jagħmlu xi ħaġa bħal karrijiet żgħar bil-fjuri.

7.6. Issir wirja ta' annimali domestiċi (*Pet show)*.

7.7. Artisti jkunu mħeġġa jiġu jpittru u anki jkunu jistgħu ibiegħu pittura tagħhom.

7.8. Ikun hemm ukoll *stand* tal-Kunsill.

7.9. Ikun involut Palazzo Parisio u possibilment ikun involut fil-*fashion show* li għaliha kienet qed tiddiskuti ma' Sue Rossi ta' Modelle International.

7.10. Ikun hemm stands ta' fotografi.

7.11. Hemm il-possibiltà wkoll li tiġi l-banda ta' Mornago.

7.12. Il-ħin tal-attività jkun mill-11am sa qabel ma jidlam. Is-SE informa li jekk tispiċċa qabel ma jidlam il-Kunsill jiffranka l-ispejjeż.

7.13. Il-Kunsillier Sammut informa li qed jiddiskuti ma' Denise Grech biex tkun inkluża l-wirja tal-annimali domestiċi kif sar is-sena ta' qabel.

7.14. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

7.15. Sadanittant il-Kunsillier Galea informa li l-Avukat Martin Fenech kien maħtur President tal-Każin Peace u ppropona li tintbagħat ittra ta' awgurju.

7.16. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk jintbagħtux ittri ta' ringrazzjamenti lil min jieħu sehem fl-attivitajiet. Is-SE informa li, fil-każ tal-attività tal-Milied kienu saru r-ringrazzjamenti. Is-Sur Galea staqsa għaliex ma kienux iffirmati minn min hu responsabbli u semma li kien hemm il-każ ta' ittra ta' ringrazzjamenti tal-isports li kienu ffirmati wkoll mill-Kunsillier Sammut. Is-SE informa li dik kienet ittra li ħa

ħsiebha il-Kunsillier Sammut. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ittra ta' ringrazzjamenti għandhom jibqgħu isiru iżda bil-firma tas-SE biss

**8. TIBDIL TAL-ORDNI TAL-LAQGĦA**

8.1. F'dan il-ħin kien hemm qbil li l-Kunsill jiddiskuti talbiet li daħlu fil-Kunsill.

**9. TALBIET LILL-KUNSILL**

9.1. Is-SE informa li kellu talba biex issir miżura tat-traffiku fiż-żona ta' Triq is-Sejjiegħ u Triq Ġużeppi Stivala. Huwa pproġetta l-proposta bis-*site plan* fuq l-i*screen.*

9.2. Il-Kunsill qabel li jikkonsulta mar-residenti biex Triq is-Sejjieħ biss issir f'direzzjoni waħda b'mod li t-traffiku jitla' 'l fuq.

9.3. F'dan ir-rigward il-Kunsillier Sammut ippropona li s-sinjal isfar fi Triq Ġużeppi Stivala jkun estiż u jkollu jitnaqqas parkeġġ.

**10. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

10.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa minħabba li kien sar il-ħin. Kien hemm qbil ukoll li ssir kontinwazzjoni tal-laqgħa għat-Tlieta 13 ta' Marzu fis-7:30pm bl-istess aġenda.

10.2. Il-ħin kien il-22:40pm.

**KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA - IT-TLIETA 13 TA' MARZU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-7:50pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

**11. APOLOĠIJI**

11.1. Is-SE informa li kien irċieva email mingħand il-Kunsilliera Miceli fejn talbet li tkun skużata jekk ma tlaħħaqx tiġi għal-laqgħa. Il-Kunsill qabel li jqisha skużata. Kopja tal-email annessa f'E.

**12. KOMUNIKAZZJONIJIET – FESTIVAL TA' FJURI U MUŻIKA**

12.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami tat rendikont tax-xogħol li kien sar fuq l-attività mill-aħħar laqgħa filwaqt li rringrizzjat lill-Kunsillieri kollha tal-għajnuna u s-sapport.

Hija infurmat li dwar il-*fashion show* kienet avviċinat lil Modelle International fejn offrew li jikkordinaw il-*fashion show* u jipprovdu l-mudelli għall-prezz ta' €250.

12.2. Hija kompliet infurmat li saret laqgħa ma' uffiċjali ta' Palazzo Parisio iżda dawn infurmaw li se jkollhom attività kbira oħra fil-Palazz u ma kienx possibli li jkun użat. Wara diskussjoni ma' Sue Rossi ta' Modelle International kien hemm qbil li l-aħjar post għall-*fashion show* kien it-taraġ tal-Kunsill.

12.3. Hija kompliet ukoll Lil dawk il-ħwienet li se jipparteċipaw fil-fashion show ikunu mitluba s-somma ta' €100 biex ikopru parti mill-ispejjeż. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li kien qiegħed ikun hemm nuqqas ta' konkorrenza miċ-ċentri tal-ġonna.

12.4. Is-SE informa li l-Kunsilliera Miceli infurmatu li qed tiddiskuti ma' mużiċisti biex jissottomettu stimi għall-parteċipazzjoni. Hija qed tistenna stimi oħra.

12.5. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li l-Viċi Sindku kien għamel kuntatt mal-kantant Kurt Calleja, u wara li talbu jnaqqas il-*fee* tiegħu, minħabba li oriġinalment kienet taqbeż it-€300, talab is-somma ta' €150 għal tliet kanzunetti.

12.6. Il-Viċi Sindku informa li kien irranġa ma' Andrew Cassar biex joffri s-servizzi ta' *designer* tar-reklamar bla ħlas.

12.7. F'dan il-ħin waslet is-Sindku.

12.8. Saret diskussjoni fejn kellhom isiru l-attivitajiet. Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu kkunsidrati fil-ġranet li ġejjin kemm-il darba ikunu kkunsidrati l-ispejjeż għal kull sit biex il-Kunsill jaċċerta li joħroġ bl-inqas spejjeż possibli.

12.9. Kien hemm qbil li, bħala pubbliċità għandu jsir *billboard* u possibilment *flyers* ma' numru ta' lokalitajiet.

12.10. Il-Kunsillier Gatt irrakkomanda li jkun ikkunsidrat reklam fuq il-fuljett tal-Knisja 'Flimkien' minħabba li għandu distribuzzjoni kbira ħafna.

## 13. IL-BAĠIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN

13.1. Il-Kunsill ikkonsidra l-baġit kif ippreżentat. Wara diskussjoni kien approvat kif anness f'F.

13.2. Is-SE għamel riferenza għall-vot fuq il-baġit għall-apparat tal-kompjuter fejn informa li dan kien għal *server* ġdid u biex dak eżistenti jservi ta' *backup.* Dan għandu jkun ta' għajnuna kbira biex, jekk aċċidentalment jinqala' xi ħaġa lis-*server*, ix-xogħol ma jieqafx. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bix-xiri tiegħu kemm jista' jkun malajr.

13.3. Dwar il-Pjan tal-Kunsill is-SE kien mitlub biex jagħmel abbozz u jippreżentah lill-Kunsill.

## 14. PROGRAMM TA' TAĦDIDIET GĦAN-NISA

14.1. Il-Kunsillier Sammut ippropona li l-Kunsill jorganizza sensiela ta' taħdidiet għan-nisa li jvarjaw fis-suġġetti li iżda jkunu ta' interess għalihom. Huwa ta diversi eżempji ta' suġġetti u kien qiegħed jittama li jkun hemm bejn 15 u 20 sessjoni.

14.2. Il-Kunsill approva *nem con*.

14.3. Il-kordinazzjoni ta' dawn is-sessjonijiet isir mill-Kunsillier Sammut.

## 15. LECTURES DWAR L-ISTORJA TAN-NAXXAR

15.1. Il-Kunsillier Galea ippropona li l-Kunsill jorganizza erba' *lectures* relatati man-Naxxar, b'kelliema differenti, li jinkludu l-Istorja tar-Raħal, l-Ekonomija matul iż-żmien, is-Soċjetà Naxxarija u r-Reliġjon fin-Naxxar. Dawn ikunu jistgħu isiru fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsillier Galea jikkordina l-organizzazzjoni ta' dawn il-*lectures*.

15.2. Il-Kunsill qabel *nem con*.

15.3. F'dan il-ħin il-Kunsill iddiskuta l-mod ta' publiċità għal dawn it-taħdidiet u anki dawk għan-nisa fejn kien hemm qbil li, sa fejn ikun possibli, dawn għandhom isiru fuq il-fuljett tal-Kunsill 'Il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek'.

15.4. Tqajjmet għalhekk id-diskussjoni dwar programm għal sena għall-fuljetti fejn kien hemm qbil li dawn għandhom jinħarġu lejn l-aħħar ta' Mejju, f'Awwissu (biex ikun qabel il-Festa), lejn l-aħħar ta' Novembru (biex ikun qabel il-Milied) filwaqt li fi Frar tkun publikata l-ħarġa speċjali li tagħti ħarsa lejn il-ħidma ta' din il-leġislatura.

15.5. Il-Kunsillieri kienu mitluba biex sal-ewwel ġimgħa ta' Mejju jissottomettu l-artikli tagħhom. Artikli li jaslu tard jista' jkun li ma jkunx ippublikati.

**16. RAPPORT MILL-KUMITATI/SOTTOKUMITATI**

16.1. **Birguma -** Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kien sar tindif mill-kuntrattur fl-inħawi ta' Victoria Lines fejn il-barriera ta' Gatt Brothers. Hija sostniet li l-Kunsill għandu jaħseb biex jagħmel proġett ta' tisbieħ ħalli, filwaqt li jsebbaħ, inaqqas il-possibiltà li n-nies iħammġu.

16.2. **Sgħajtar -** Il-Kunsillier Brincat informa li s-Sottokumitat tas-Sgħajtar kien qiegħed jirrakkomanda li ssir *zebra crossing* u *junction box* fid-daħla għas-Sgħajtar min-naħa t'isfel.

16.3. Is-Sottokumitat tas-Sgħajtar kien qiegħed jipproponi wkoll li l-Kunsill jikkunsidra l-installazzjoni ta' mapep tas-Sgħajtar f'postijiet strateġiċi biex nies mhux midħla tal-post ikunu jistgħu isibu l-post mingħajr diffikultà.

16.4. F'dan il-ħin kien hemm diskussjoni dwar tabelli eżistenti (tad-droga) li kienu ddeterjoraw ħafna. Il-Kunsill qabel li possibilment jinbidlu m'oħrajn, jekk jinstab sponsor, filwaqt li immedjatament għandhom jinqalgħu.

16.5. Sadanittant is-SE informa li l-Kunsill kellu numru ta' strutturi tal-ħadid li fil-passat kienu intenzjonati bħala tabelli fil-ġonna. Dawn ikun jonqoshom it-tabella (il-faċċata). Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitpoġġew fil-ġonna biex jindikaw l-ismijiet tal-ġonna. Is-SE fakkar li ħafna mill-ġonna m'għandhomx isem uffiċċjali. Il-Kunsill għalhekk qabel li ssir it-talba formali lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq biex jissemmew il-ġonna.

16.6. Is-Sottokumitat tas-Sgħajtar kien qiegħed jipproponi wkoll li jkun installat *bus shelter* fi Triq tal-Labour, fejn Villa Mdina, u ieħor faċċata. Is-SE kien mitlub jindaga dwar is-sitwazzjoni tal-*bus shelters* minħabba li ssemma li l-kuntratt ma' Faces Displays kien skada jew wasal biex jiskadi. Sadanittant is-SE fakkar biex, qabel ma jieħdu deċiżjoni, iridu jikkonfermaw jekk loġistikament hux possibli minħabba li diġà kien hemm problema fiż-żmien minħabba x-*showroom* ta' Casa d'Arte.

16.7. Il-Kunsillier Brincat staqsa jekk ir-rapport tal-bankini kienx lest filwaqt li semma wkoll li s-Sottokumitat kien qiegħed jilmenta min-numri ta' ranep fuq jew taħt il-bankini. Huwa kien infurmat li r-rapport għadu mhux lest filwaqt li s-Sindku talbitu biex, jekk xi membri jafu b'bankini li għandhom bżonn jinbidlu, għandhom jiġbdu l-attenzjoni

dwarhom. Issemma li fir-rigward ta' ranep hija problema ma' kullimkien u kienet prattikament impossibli li l-Kunsill jieħu azzjoni sakemm ma jkunx qed jibdel il-bankini.

16.8. F'dan il-ħin is-SE kien mistoqsi jekk kienx hemm rispons għall-Kumitat tal-Magħtab/Salina. Huwa informa li kien irċieva numru ta' risposti b'interess u li kien fi ħsiebu jressaqhom fil-laqgħa li jmiss.

16.9. Sadanittant il-Kunsill kien infurmat li kienet saret laqgħa ma' Wasteserv li iżda s-SE kien għad irid jipprepara l-minuti tal-laqgħa u jippreżentahom fil-laqgħa li jmiss.

## 17. ĦRUĠ TA' OFFERTI

17.1. Il-Kunsill għadda biex japprova l-ħruġ ta' offerti kif indikat. Kopja tagħhom kienet intbagħatet lil kull Kunsillier. Dawn l-offerti kienu:

17.2. Tindif tal-Bajjiet – approvat kif imressaq.

17.3. Gwardjan tal-faċilitajiet sportivi – għandhom jiżdiedu ħinijiet speċifiċi u possibilment tkun inkluża t-tlugħ u l-inżul tal-bnadar.

17.4. Offerti għall-website dwar il-proġett tal-EU Measure 313 – approvat kif imressaq.

17.5. Tqassim tal-gazzetta tal-Kunsill u materjal ieħor – approvat kif imressaq.

17.6. Stampar ta' pubblikazzjonijiet – approvat kif imressaq.

17.7. Konsulenza dwar l-ippjanar fin-Naxxar – approvat kif imressaq.

17.8. Proviżjon u installazzjoni ta' tabelli ta' informazzjoni ma' siti storiċi dwar il-proġett tal-EU Measure 313 – approvat kif imressaq.

17.9. Proviżjon u installazzjoni ta' *litter bins* dwar il-proġett tal-EU Measure 313 – approvat kif imressaq.

17.10. Kiri ta' Sala – approvat kif imressaq. Hawn hekk qamet diskussjoni minħabba d-diffikultà li kien hemm biex ikunu stabbiliti l-ħinijiet filwaqt li tqajjem ukoll il-punt ta' bżonn ta' garaxx bħala maħżen. Is-SE informa li s-Sur Paul Xuereb kien ġentilment offra li jsellef garaxx imdaqqas bla ħlas li iżda dan ma jkunx għal aktar minn sentejn, għaliex wara, il-Kunsill ikun mitlub iħallas. Madanakollu din ma kinitx kundizzjoni u l-Kunsill seta' jissellef il-garaxx u joħroġ minnu wara sentejn. Issemma jekk legalment il-Kunsill ikunx kopert u s-SE informa li huwa kien diġà tkellem mal-avukat fejn dan kien tah il-parir li, jekk il-Kunsill jibgħatlu ittra bħala ringrazzjament u fiha jinkludi t-termini tas-self, allura dak ikun bażi legali. Il-Kunsill qabel ma dan is-self kemm-il darba ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet legali għall-Kunsill.

## 18. PROPOSTI GĦAL ATTIVITAJIET

18.1. Fuq proposta tal-Kunsillier Sammut il-Kunsill qabel li jorganizza dawn l-attivitajiet li ġejjin. Dawn għandhom ikunu kordinati mis-Sur Sammut.

18.2. Sports Day u kompetizzjoni tal-futbol flimkien ma' *Car Free Day.*

18.3. Attività ambjentali u wirja u lecture relatati mal-ambjent.

18.4. Ħarġa Ambjentali - 11 ta' April

## 19. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

19.1. Fl-10:30pm il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għall-Ħamis 12 ta' April 2012.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

**Kunsill Lokali: Naxxar** | **Skeda Nru. Laqgha 42**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-28 ta' Jannar 2012 sal-24 ta' Frar 2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €71.76 | €71.76 | D | PF | Review of planning applications - Jan 2012 | 03/02/2012 | 960 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,717.00 | €3,717.00 | T | PF | Garden Maintenance - Jan12 | 31/01/2012 | 18132 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Albert Galea | €200.00 | €200.00 | D | PF | Advanced Aerobics that started on the 30/11/2011 | 06/02/2012 | Invoice 007 | 3864 | 3864 | 3381 | |
| 4 | Allied Newspapers | €60.30 | €60.30 | D | PF | Advert on "The Times" | 31/01/2012 | ASI487917 | 3850 | 3850 | 3350 | |
| 5 | AMJ Legal | €208.78 | €208.78 | T | PF | Retainer fees - Jan12 | 01/02/2012 | 18 of 2012 | n/a | n/a | 3140 | |
| 6 | Annabelle Attard | €1,140.00 | €1,080.00 | D | PF | Zumba Courses - 3 classes less Eur60 credit note | 16/02/2012 | NLC17/2011 | 3863 | 3863 | 3381 | |
| 7 | Annabelle Attard | €700.00 | €700.00 | D | PF | Zumba Courses - 2 classes (BIC) | 16/02/2012 | NLC16/2011 | 3862 | 3862 | 3381 | |
| 8 | Antoine Azzopardi | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the depositing of machinery in Triq l-Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15227 |
| 9 | Archway Ironmongery | €258.57 | €258.57 | D | PF | Half cement; zrar; ramel; energy saver bulbs; cutting disk; etc. | 04/01/2012 | 32234 | 3821 & 3846 | 3821 & 3846 | 2370 | |
| 10 | Archway Ironmongery | €48.75 | €48.75 | D | PF | Ramel; zrar; cement; keys; key tags; row bolts; etc. | 12/01/2012 | 32248 | 3846 & 3847 | 3846 & 3847 | 2370 | |
| 11 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | €672.00 | €672.00 | D | PF | Group Health Insurance Policy 2012 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3030 | 15156 |
| 12 | Audio Visual Centre Ltd. | €472.64 | €200.00 | D | PF | Purchasing of books for the Primary School Prize Day | 17/11/2011 | 342138 | n/a | n/a | 2980 | |
| 13 | B. Grima & Sons Ltd. | €649.00 | €649.00 | K | PF | 60cm diameter mirror by 2 & 70cm diameter mirror by 4 | 01/02/2012 | 2895 | 3814 | 3814 | 7230 | |
| 14 | B. Grima & Sons Ltd. | €383.06 | €383.06 | K | PF | No entry signs by 6; Stop signs by 6; etc. | 17/02/2012 | 2956 | 3818 | 3818 | 7230 | |
| 15 | Carmelo Bartolo | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the depositing of machinery in Triq it-Tunnara | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15231 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | C.D.A. - Coa Ink & Toner Recharging Ltd. | €44.99 | €44.99 | D | PF | HP CE285A | 30/01/2012 | Order No: 4008 | 3829 | 3829 | 2610 | |
| 17 | C.D.A. - Coa Ink & Toner Recharging Ltd. | €92.08 | €92.08 | D | PF | HP 1215 & HP 1215 Magenta | 03/02/2012 | Order No: 4025 | 3825 | 3825 | 2610 | |
| 18 | Charles Fenech | €283.20 | €283.20 | D | PF | Maintenance on the sliding door of the Conference room | 06/05/2010 | 2360 | 3853 | 3853 | 2375 | |
| 19 | Charles Fenech | €302.44 | €302.44 | D | PF | Grada playing field + other maintenance on the playing field | 07/02/2012 | 2408 | 3848 | 3848 | 2310 | |
| 20 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting of Non Urban Roads - Jan 2012 | 28/01/2012 | 927 | n/a | n/a | 3052 | |
| 21 | Charlie Mifsud | €865.84 | €865.84 | T | PF | Extra Work - Jan 2012 | 28/01/2012 | 926 | n/a | n/a | 3063 | |
| 22 | Charlie Mifsud | €1,995.54 | €1,995.54 | T | PF | Beach Cleaning Services - Jan 2012 | 28/01/2012 | 925 | n/a | n/a | 3063 | |
| 23 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - Jan12 | 31/01/2012 | 115 | n/a | n/a | 3051 | |
| 24 | Clint Muscat | €40.00 | €40.00 | D | PF | Tower ladder service - making the banners for locality meeting Feb. 2012 | 02/02/2012 | 72 | 3843 | 3843 | 3350 | |
| 25 | Clint Muscat | €25.00 | €25.00 | D | PF | Tower ladder service - removing the banners for locality meeting Feb. 2012 | 08/02/2012 | 73 | 3854 | 3854 | 3350 | |
| 26 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €8.88 | €8.88 | D | PF | Arrears for year 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 15153 |
| 27 | Commissioner of Inland Revenue Dept. | €1,521.24 | €1,521.24 | D | PF | FSS & NI - Feb 2012 | 29/02/2012 | n/a | n/a | n/a | 1500 | 15240 |
| 28 | C.S.D. Office Trade | €63.81 | €63.81 | D | PF | American Archive boxes; Archive carton boxes; rubber bands; key tags & A5 plain paper | 08/02/2012 | 38140 | 3841 | 3841 | 2620 | |
| 29 | Dr Maria Fatima Deguara | €588.51 | €588.51 | D | PF | Mayor's allowance - Feb 2012 | 29/02/2012 | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 30 | FreePhone Group | €590.00 | €590.00 | D | PF | Dec 11 Billboard - Xmas Village - for the Month of Dec11 | 31/12/2011 | 782 | 3840 | 3840 | 3360 | |
| 31 | G4S Security Services Malta Ltd. | €167.42 | €167.42 | D | PF | Cash Collection Services - Jan12 | 31/01/2012 | GS004439 | n/a | n/a | 3190 | |
| 32 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - Jan12 | 31/01/2012 | 2469 | n/a | n/a | 3065 | |
| 33 | Georgina Grima | €644.38 | €644.38 | D | PF | Nursing Fees - Jan12 | 31/01/2012 | Jan12 | n/a | n/a | 3150 | |
| 34 | Go plc. | €49.05 | €49.05 | D | PF | Telephony service - Jan12 [21416341] | 16/02/2012 | 27530551 | n/a | n/a | 2160 | 15237 |
| 35 | Go plc. | €290.32 | €290.32 | D | PF | Telephony service - Jan12 [21417224] | 16/02/2012 | 27530571 | n/a | n/a | 2160 | 15238 |
| 36 | Go plc. | €18.46 | €18.46 | D | PF | Telephony service - Jan12 [21416363] | 16/02/2012 | 27530555 | n/a | n/a | 2160 | 15239 |
| 37 | Grace Camilleri | €131.56 | €131.56 | D | PF | Branch Librarian Services - Jan 2012 | 14/02/2012 | Jan12 | n/a | n/a | 2995 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | GS Superstore | €62.50 | €62.50 | D | PF | Trendi Plastic Cups; Coca Cola; Sprite; etc. | 01/02/2012 | Receipt No - 1454344 | 3777 | 3777 | 3360 | |
| 39 | GS Superstore | €54.03 | €54.03 | D | PF | Flora Margerine; G/Harvest French Sliced Bread; etc. | 01/02/2012 | Receipt No - 1454335 | 3785 | 3785 | 3360 | |
| 40 | Guard & Warden Service House | €55.44 | €55.44 | D | PF | Traffic Management Services - Jan12 (1 warden) | 31/01/2012 | 4482 | 3827 | 3827 | 3195 | |
| 41 | Guggen Band | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Show Band performance during Xmas Event 2011 | 31/01/2012 | Dec11 | 3838 | 3838 | 3360 | |
| 42 | Hightech Office Repairs | €117.00 | €117.00 | D | PF | Maintenance on photocopier | 30/01/2012 | 1527 | 3839 | 3839 | 2370 | |
| 43 | Impressions Ltd. | €56.71 | €56.71 | D | PF | Carnival Posters | 31/01/2012 | 36111 | 3837 | 3837 | 3360 | |
| 44 | Information & Data Protection Commissioner | €23.29 | €23.29 | D | PF | Fee for Data Protection Act | 20/02/2012 | 1576 | n/a | n/a | 2630 | |
| 45 | Josette Micallef | €826.96 | €826.96 | D | PF | Performance Bonus for Ms Josette Micallef - year 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1300 | 15154 |
